

- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Rigward id-dannu *materjali*, il-Qorti Ġeneral, fl-ewwel lok, wettqet żball ta' liġi, kisret il-prinċipju ta' kumpens sħiħ u neħħiet l-effettivitā tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-livell ta' prova mitħib mill-Qorti Ġeneral rrenda kull kumpens għad-dannu subit impossibbli, minkejja l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni. Fit-tieni lok, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi kif ukoll b'motivazzjoni kontradittorja. Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali żnaturat provi u fatti.

Rigward id-dannu *morali*, is-sentenza appellata ma tinkludi l-ebda motivazzjoni rigward il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat *ex aequo et bono* l-ammont tal-kumpens.

---

### **Appell ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2019 minn Fereydoun Mahmoudian mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla) fit-2 ta' Lulju 2019 fil-Kawża T-406/15 Mahmoudian vs Il-Kunsill**

(Kawża C-681/19 P)

(2019/C 372/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

*Appellant*: Fereydoun Mahmoudian (rappreżentanti: A. Bahrami, N. Korogiannakis, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura*: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla parzialment is-sentenza appellata;
- tagħti deċiżjoni definitiva dwar it-tilwima;
- tikkundanna lill-Kunsill iħallas lill-appellant is-somma ta' EUR 966 581 għad-danni materjali u EUR 500 000 għad-danni morali, flimkien mal-interess moratorji;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

### **Sussidjarjament**

- tannulla parzialment is-sentenza appellata;
- terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġeneral;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Fir-rigward tad-danni *materjali*, fl-ewwel lok, il-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' liġi, kisret il-prinċipju ta' kumpens sħiħ u ċaħdet minn kull effettività l-Artikolu 340(2) TFUE kif ukoll l-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-livell ta' prova rikiesta mill-Qorti Ĝeneralni għamlet kull kumpens għad-dannu mgħarrab impossibbli, minkejja l-eżistenza ta'ksur suffiċjentement gravi u serju tad-dritt tal-Unjoni. Fit-tieni lok, is-sentenza kkontestata hija vvizzjata bi żball ta' liġi kif ukoll b'motivazzjoni kontraditorja. Fit-tielet lok, il-Qorti Ĝeneralni żnaturat il-provi u l-fatti.

Fir-rigward tad-danni *immaterjali*, is-sentenza appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni fir-rigward tal-kriterji meħuda inkunsiderazzjoni sabiex l-ammont tal-kumpens jiġi evalwat *ex aequo et bono*.

### **Appell ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2019 mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralni (L-Ewwel Awla) fid-9 ta' Lulju 2019 fil-Kawża T-53/18 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-688/19 P)

(2019/C 372/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

**Appellant:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller u R. Kanitz, aġenti, assistiti minn M. Winkelmüller, F. van Schewick u M. Kottmann, Rechtsanwälte)

**Parti oħra fil-proċedura:** Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Lulju 2019 fil-Kawża T-53/18, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni,
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1995 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar iż-żamma f'il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011 dwar tankijiet statiċi termoplastiċi għall-ħażna 'l fuq mill-art ta' żjut tat-tisħin domestiċi, pitrolju u fjuwils tad-diżiż fkonformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>1</sup>),
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1996 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar iż-żamma f'il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 12285-2:2005 dwar tankijiet tal-azzar maħdumin fil-ħanut tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>2</sup>),
- sussidjarjament, fir-rigward rispettivament ta' (2) u (3), tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ĝeneralni,
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.